MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 56/2011

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**vs**

**Parnis Desiree (ID-433486 M), u skond digriet moghti nhar il-4 ta’ April 2011 gie kjamat in kawza Gordon Schembri, liema digriet gie revokat *contrario imperio* permezz ta’ digriet moghti nhar it-13 ta’ April 2012**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tlett mija tmienja u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€1,38.16c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru *500778* moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimata m'ghamlitx it-telefonati; illi bla pregudizzju ghas-suespost it-Tribunal ghandha tikkundanna lil Gordon Schembri (ID-207386M) u qed jintalab il-kjamat fil-kawza tieghu;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tal-konvenuta datat 30 ta' Marzu, 2011 li permezz tieghu l-konvenuta talbet illi jigi kjamat fil-kawza Gordon Schembri; Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 4 ta' April, 2011, li permezz tieghu giet milqugha din it-talba.

Ra li ghalkemm saru diversi tentattivi ta' notifika tal-kjamat in kawza bl-Avviz tat-Talba u tal-Avviz tas-smiegh tal-kawza, tali notifika qatt ma giet imwettqa.

Ra l-verbal tat-13 ta' April, 2012, li permezz tieghu gie revokat *contrario imperio* d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 4 ta' April, 2011, filwaqt li t-Tribunal ordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza.

Semgha x-xhieda, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta tal-ammont ta' elf tliet mija tmienja u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€1,338.16c) li jirraprezentaw in kwantu ghal elf u seba' Ewro u disghin centezmu (€1,007.90c) bhala konsum li sar permezz tas-servizz telefoniku li tipprovdi l-istess socjeta' attrici, in kwantu ghal tliett mitt Ewro (€300.00) bhala l-valur tal-*mobile phone* li nghatat il-konvenuta tal-marka *Nokia 5800*, u in kwantu ghal tletin

Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€30.26c) l-ispejjez ta' ittra ufficjali li saret fil-konfront tal-konvenuta.

Illi da parti taghha, l-konvenuta naqset milli tressaq ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha. Madanakollu, u permezz tar-risposta taghha, eccepiet illi l-ammont reklamat m'huwiex dovut minnha, izda huwa dovut minn terza persuna, u cioe' certu Gordon Schembri. Illi permezz tar-risposta taghha, il-konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt illi ffirmat l-iskrittura li kopja taghha tinsab a fol. 24 tal-atti, u lanqas m'hi qed tikkontesta l-fatt illli l-mobile phone hemm indikat gie ikkonsenjat lilha, u li seta' sar uzu minnu. Qed tikkontendi biss illi tali konsum sar minn haddiehor, u cioe' mill-imsemmi Gordon Schembri.

Illi minkejja f'tali asserzjoni da parti tal-konvenuta, il-kjamata in kawza tieghu baqghet ma gietx attwata, in kwantu n-notifika lilu bl-atti relattivi baqghet ma saritx. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax iqis din id-difiza tal-konvenuta.

Illi gialadarba l-ftehim riportat fl-iskrittura datata l-1 ta' Lulju, 2009 sar mal-konvenuta, u ladarba l-konvenuta ma ressqet ebda provi sabiex tikkuntrarja dawk il-provi li ressqet is-socjeta' attrici f'dak li jirrigwarda l-konsum u uzu li sar mis-servizz, allura t-Tribunal ma jistax iqis l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, stante li dawn ma gew bl-ebda mod issostanzjati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija tmienja u tletin Ewro u sittax-il centezmu (€1,338.16c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------